MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 496/2004

**Mario Camilleri**

**vs**

**Maltacom Plc u Daniel Mercieca**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni fejn fiha l-attur justifika ippremetta illi:

L-attur huwa impjegat mas-socjeta` konvenuta Maltacom Plc;

Fit-23 ta` Mejju, 2002, l-attur kien wegga` waqt il-qadi ta` dmirijietu waqt li kien qieghed jezegwixxi xogholijiet bhala '*lineman*' fil-fond tal-konvenut Daniel Mercieca 22, Triq Nelson, Bormla;

B`kawza ta` dan l-incident l-attur sofra danni ingenti, kemm in linea ta` ‘*domnum emergens’* u kif ukoll in linea ta` *lucrum cessans* kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza;

Dan l-incident sehh unikament minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenuti, huma jew min minnhom;

L-attur interpella lill-konvenuti permezz ta` ittra ufficcjali tat-12 ta` April, 2004 sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha minnu sofferti izda huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) Prevja kull dikjarazzjoni ohra tal-volta mehtiega u necessarja, tiddikjara l-konvenuti, huma jew min minnhom, responsabbli ghall-incident illi fih wegga` l-attur waqt li kien qieghed jezegwixxi d-dmirijiet tieghu bhala ‘*lineman’* mas-socjeta` konvenuta Maltacom plc, liema incident sehh fil-fond 22, Triq Nelson, Bormla fit-23 ta` Mejju, 2002 u konsegwentement responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-istess attur b`kagun ta` l-imsemmi incident;

(2) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b`kawza tal-fuq imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta` perit nominandi; u

(3) Tikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur dik is-somma in linea ta` danni kif likwidata min din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta` l-ittra ufficcjali tat-12 ta` April, 2004 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti, huma jew min minnhom, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Maltacom plc;

1. Fl-ewwel lok is-socjeta` eccipjenti ma tahtix ghall-incident ilmentat mill-attur, u ghalhekk ghanda tigi ezonerata minn kull responsabbilita` dwar il-kaz.

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, illi mhux minnu illi s-sinistru ilmentat ikkawza lezjonijiet permanenti lill-attur, u kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni, id-debilita` li allegatament qed isofri minnha l-attur, hija konsegwenza ta` kondizzjoni medika li minnha kien isofri l-istess attur fi zmien antecedenti ghas-sinistru.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat illi, ghalkemm debitament notifikat ai termini tal-Art. 187 (3) tal-Kap. 12 il-konvenut Daniel Mercieca baqa` ma pprezenta ebda nota ta` eccezzjonijiet u ghalhekk irrenda ruhu kontumaci ghal kull fini u effett tal-ligi.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat ir-rapport tal-perit mediku.

Rat in-nota a fol. 90 tal-process li permezz taghha l-attur ceda l-kawza fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Maltacom plc.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Fil-qosor, il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma dawn:

L-attur kien impjegat mas-socjeta` Maltacom bhala *lineman*, cioe` kien jiehu hsieb jghaddi linji tat-telephone godda lil min japplika ghalihom. Hu kien jahdem bhala *singleton*, cioe` wahdu.

Fir-23 ta` Mejju, 2002, is-socjeta` konvenuta kienet baghtet lill-attur biex jesegwixxi xogholijiet fuq linji gol-fond 22, Triq Nelson, Bormla. Meta kien fuq il-bejt ta` dan il-fond huwa waqa` go skylight tal-hgieg li kien mizbugh griz bir-*roof compound* u ghalhekk ma kienx jidher differenti

mill-bqija tal-bejt. Kawza ta` dan l-incident huwa sofra danni u dam xi disa` xhur ma jistax jahdem. Il-konsulent ortopediku tieghu ccertifika li kawza ta` dan l-incident, l-attur qed isofri minn dizabilita` ta` 2%.

Il-perit mediku Mr. Charles Grixti, mahtur mill-Qorti, irrelata li l-attur, kawza ta` dan l-incident, ma ghandu ebda dizabilita`.

Ikkunsidrat illi in vista tan-nota a fol. 90 tal-process, fejn l-attur ceda l-kawza fil-konfront tas-socjeta` Maltacom, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-talbiet tal-istess attur limitatament fil-konfront tal-konvenut Daniel Mercieca.

Ghalkemm debitament notifikat, l-istess Daniel Mercieca baqa` kontumaci. Kif dawn il-Qrati kellhom diversi okkazzjonijiet jirrilevaw, il-kontumacja m`ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta` dak li jkun qed jintalab. Il-kontumacja titqies kontestazzjoni (ara Waldonet vs Thake 3/4/03 J.R.M).

Ghal din ir-raguni l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-attur in sostenn tat-talbiet tieghu.

L-attur qed jirreklama danni li sofra f'incident waqt ix-xoghol fir-residenza ta` Daniel Mercieca. Il-konvenut ma kellu ebda relazzjoni ma` l-istess Daniel Mercieca. Ma kienx hemm bejniethom relazzjoni bejn min jimpjega u impjegat. Ghalhekk l-attur irid jipprova r-responsabbilita` tal-incident skond Art. 1031 tal-Kodici Civili fejn "kull wiehed iwiegeb ghall hsara li ssir htija tieghu". Ir-responsabbilita` tal-konvenut f`dan il-kaz ma tkunx kontrattwali izda akwiljana. F`dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Joseph Azzopardi fil-kawza Abela vs Libyan Arab Foreign Investment Co. Ltd et (28/2/2007). Fil-kaz odjern, li kien wiehed sfortunat ghall-ahhar jirrizulta li l-attur wegga` meta sfrondiet bih hgiega ta` tambogg. Din il-hgiega kienet mizbugha lewn il-bejt u ghalhekk ma setghetx tintgharaf mill-bqija tal-bejt, u fil-fatt ma ndunax bit-tambocc l-attur meta tela` fuq il-bejt. Issa l-Qorti hi tal-fehma illi ladarba l-attur talab lill-Maltacom tibghat in-nies

isewwu u fil-fatt awtorizza lil min kien id-dar biex jippermetti lill-attur jitla` fuq il-bejt tirrendi lill-istess konvenut responsabbli ghal dak li gara. Ladarba pogga l-bejt tieghu ghad-disposizzjoni ta` min ried jahdem fuqu, dan messu ha hsieb li jnehhi l-periklu mohbi, periklu li kien jaf bih hu biss. Dawn ic-cirkostanzi jirrenduh responsabbli ta` dak li gara.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-fattur ta` danni effettivament sofferti mill-attur f`dan il-kaz. Il-Qorti tinnota li l-konsulent *ex parte* evalwa d-dizabilita` ta` l-attur ghall-grad ta` 2%, filwaqt li l-espert nominat mill-Qorti ikkonkluda li ma hemm ebda dizabilita` permanenti. Il-Qorti hawnhekk tenfasizza dak li dawn il-Qrati kellhom diversi okkazzjonijiet jghidu, u cioe` li l-Qorti ghandha rarament tiddisturba l-gudizzju ta` espert tekniku jew mediku u dan sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dan u li jwasslu l-Qorti biex tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku (Bonnet vs App 1/3/94) u Spiteri vs Cauchi (10/10/2001).

Il-Qorti, pero`, tinnota li ma kien hemm ebda cahda tal-fatt li huwa verament ghamel zmien fi stat li ma setax jaghmel ix-xoghol part-time tieghu minhabba z-zmien li ha biex jirkupra. L-unika prova konkreta li setghet tistrieh fuqha l-Qorti f`dan il-kuntest kienet dikjarazzjoni tal-VAT, fl-ammont ta` (Lm 260) mitejn u sittin lira.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi:

1. tiddikjara li l-konvenut Daniel Mercieca kien responsabbli ghall-incident li fih wegga` l-attur fit-23 ta` Mejju, 2002.

2. tillikwida l-ammont ta` kumpens fl-ammont ta` €605.64 (sitt mija u hames Euro u erba` u sittin centezmu ekwivalenti ghal mitejn u sittin lira (Lm260).

3. tikkundanna lill-konvenut Daniel Mercieca ihallas l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez minbarra dawk relatati mat-talbiet fil-konfront ta` Maltacom plc u bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-istess Daniel Mercieca.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------